IL-GVERN TA’ MALTA

SEJHA GHAL ESPRESSJONI TA’ INTERESS

# SERVIZZI LEGALI

Il-*Privatisation Unit* (‘PU’), f’isem il-Ministeru ghal Ghawdex, qed titlob proposti ghal xoghol ta’ Servizzi Legali in konnessjoni ma’ progett mahsub ghal **Gozo Natatorium**.

Il-PU tilqa’ Espressjonijiet ta’ Interess minghand ditti legali stabbiliti li ghandhom l-esperjenza necessarja u r-rizorsi biex jidhlu ghal dan il-kompitu. Fl-ewwel stadju, id-ditti legali interessati ghandhom jikkomunikaw mal-PU permezz ta’ *email* fl-indirizz elettroniku hawn taht indikat, sa mhux aktar tard minn nofsinhar *CET* tal-Erbgha, 6 ta’ Mejju 2015, sabiex jikkonfermaw l-interess taghhom li jidhlu ghal dan ix-xoghol.

Wara li tkun saret din l-ewwel komunikazzjoni, il-PU tibghat *‘process letter’* fejn tistieden lid-ditti legali interessati sabiex jissottomettu l-proposti taghhom. Il-*‘process letter’* tispjega l-kriterji tal-ghazla u l-procedura li ghandha tigi segwita mid-ditti legali interessati fil-formulazzjoni u sottomissjoni tal-proposti taghhom. Proposti b’risposta ghal din il-*‘process letter’* ghandhom jaslu l-PU bil-miktub fl-indirizz li jidher hawn taht sa mhux aktar tard minn nofsinhar *CET* tal-Gimgha, 8 ta’ Mejju 2015.

Ic-Chairman
Privatisation Unit
Ministeru ghall-Ekonomija, Investiment u Intraprizi Zghar
4, Clock Tower, Level 1
Tigné Point
Sliema TP 01
Malta

**Tel:** (+356) 22209573
**Email:** privatisation.meib@gov.mt
**Website:** privatisation.gov.mt